



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/254 tad-9 ta' Novembru 2018 dwar l-adattament tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/255 tat-13 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment u l-immaniġġar ta' kontribuzzjonijiet tal-Programm, ir-rappurtar dwar strumenti finanzjarji, il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għal operazzjonijiet u s-sistema biex tiġi rreġistrata u tinħażen id-data** 15
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/256 tat-13 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 fir-rigward tat-tibdil tal-mudelli għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri, għall-pjan ta' azzjoni konġunt, għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment bl-għan tat-tkabbir u l-impjiegi u bl-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tad-data għall-fini tar-rieżami tal-prestazzjoni u l-qafas tal-prestazzjoni** 20
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/257 tat-13 ta' Frar 2019 li jemenda għall-294 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u ma' organizzazzjonijiet ta' Al-Qaida** 34

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Iżvizzera tad-29 ta' Jannar 2019 li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972, kif emendat [2019/258]** 36

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/254

tad-9 ta' Novembru 2018

dwar l-adattament tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jipprevedi l-possibilità li jiġu adattati l-mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) li ġie estiż għall-pajjiżi ġirien speċifiċi abbażi ta' ftehimiet ta' livell għoli dwar netwerks tal-infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.
- (2) Il-ftehimiet ta' livell għoli dwar l-adattament tal-estensjoni indikattiva tal-mapep komprensivi tat-TEN-T u dwar l-identifikazzjoni tal-konnessjonijiet tan-netwerk ewlieni fuq il-mapep komprensivi tan-netwerk ġew iffirmati bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (ir-Repubblika tal-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarusija, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna) fl-24 ta' Novembru 2017. Il-ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Georgia ġie ffirmat fit-18 ta' Lulju 2018. Il-ftehimiet jikkonċernaw l-linji tan-netwerks ferrovjarji u tat-toroq, kif ukoll il-portijiet u l-ajruporti. L-adattament tal-mapep komprensivi u indikattivi tan-netwerk u, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni ta' netwerk ewlieni indikattiv, għandu jippermetti lill-Unjoni timmira aħjar il-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ikkonċernati.
- (3) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠUL 348, 20.12.2013, p. 1

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX


L-Anness III huwa emendat kif ġej:

- (1) Fis-Sezzjoni 15 (ir-Repubblika tal-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia) jiżiedu l-mapep li ġejjin (15.3 u 15.4 dwar ir-Repubblika tal-Armenja):



“15.3 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fir-Repubblika tal-Armenja, linji ferrovjarji
 Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Repubblika tal-Armenja

15



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|-------------------------------------|---------------------------------------|-------------------------------------------|------------------------------------------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Ajruporti | Portijiet |
| Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | | | RRT |



15.4 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fir-Repubblika tal-Armenja, toroq
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Repubblika tal-Armenja

15



| Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | |
|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

TENtec²

(2) Fis-Sezzjoni 15 (ir-Repubblika tal-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia) jizjeddu l-mapep li ġejjin (15.5 u 15.6 dwar l-Ażerbajġan):



“15.5 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fl-Ażerbajġan, linji ferrovjarji
 Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Azerbajġan

15



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|---------------------------------------|---------------------------------------|------------------------------------------------|------------------------------------------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ajruporti | Ajruporti |
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Portijiet | Portijiet |
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Pjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Pjanata | RRT | RRT |



15.6 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fl-Ażerbajġan, toroq
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Ażerbajġan



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|------------------|---------------------|------------|------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Triq / Lesta | Triq / Trid tiftjeb | Portijiet | RRT | Ajruporti | |
| | | | | | |
| Triq / Ippjanata | | | | | |

(3) Fis-Sezzjoni 15 (ir-Repubblika tal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Georgia) jiżdiedu l-mapep li ġejjin (15.7 u 15.8 dwar il-Georgia):



“15.7 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fil-Georgia, linji ferrovjarji
 Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Georgia

15



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|-------------------------------------|---------------------------------------|-------------------------------------------|------------------------------------------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Ajruporti | Ajruporti |
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | | Portijiet | RRT |



15.8 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fil-Georgia, toroq Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Transport tas-Sħubija tal-Lvant: Georgia




| Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | |
|------------------|------------------|---------------------|---------------------|------------|-----------|------------|-----------|------------|-----|------------|-----------|
| | | | | | | | | | | | |
| Triq / Lesta | Triq / Lesta | Triq / Trid tiftjeb | Triq / Trid tiftjeb | Portijiet | Portijiet | Ajruporti | Ajruporti | RRT | RRT | Ajruporti | Ajruporti |
| Triq / Ippjanata | Triq / Ippjanata | | | | | | | | | | |

(4) Fis-Sezzjoni 16 (il-Belarussja, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna) jiżiedu l-mapep li ġejjin (16.3 u 16.4 dwar il-Belarussja):



“16.3 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fil-Belarussja, linji ferrovjarji
 Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Belarussja


16



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|---------------------------------------|---------------------------------------|------------------------------------------------|------------------------------------------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ajruporti | Ajruporti |
| Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | Portijiet | Portijiet |
| | | | | | |
| | | | | RRT | RRT |



16.4 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fil-Belarus, toroq Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti Network tat-Transport tas-Sħubija tal-Lvant: Belarussja




| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|---------------------|---------------------|------------|------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Triq / Lesta | Triq / Lesta | Portijiet | Portijiet | Ajruporti | Ajruporti |
| | | | | | |
| Triq / Trid tiftjeb | Triq / Trid tiftjeb | RRT | RRT | | |
| | | | | | |
| Triq / Ippjanata | Triq / Ippjanata | | | | |

(5) Fis-Sezzjoni 16 (il-Belarussja, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna) jiżiedu l-mapep li ġejjin (16.5 u 16.6 dwar ir-Repubblika tal-Moldova):



“16.5 Mapep indikattivi tan-network prinċipali fir-Repubblika tal-Moldova, linji ferrovjarji
 Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
 Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Repubblika tal-Moldova


16



| Komprensiv | Prinċipali | | Komprensiv | Prinċipali | | Komprensiv | Prinċipali | |
|------------|------------|---------------------------------------|------------|------------|------------------------------------------------|------------|------------|-----------|
| | | Ferrovija konvenzjonali / Lesta | | | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | | | Ajruporti |
| | | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | | | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | | | Portijiet |
| | | Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | | | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | | | RRT |



16.6 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fir- Repubblika tal-Moldova, toroq Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Transport tas-Sħubija tal-Lvant: Repubblika tal-Moldova




| Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | | Komprensiv | | Prinċipali | |
|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|------------|--|
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

(6) Fis-Sezzjoni 16 (il-Belarusja, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna) jiżiedu l-mapep li ġejjin (16.7 u 16.8 dwar l-Ukrajna):



“16.7 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fl-Ukrajna, linji ferrovjarji Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Ukrajna


16



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|---------------------------------------|---------------------------------------|------------------------------------------------|------------------------------------------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija konvenzjonali / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ferrovija ta' veloċità għolja / Lesta | Ajruporti | Ajruporti |
| Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Ferrovija konvenzjonali / Trid titjeb | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | Trid titjeb għal Ferrovija ta' veloċità għolja | | |
| Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija konvenzjonali / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | Ferrovija ta' veloċità għolja / Ippjanata | Portijiet | Portijiet |
| | | | | | |
| | | | | RRT | RRT |



16.8 Mapep indikattivi tan-netwerk prinċipali fl-Ukrajna, toroq Network Prinċipali: Linji ferrovjarji, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Ukrajna



| Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali | Komprensiv | Prinċipali |
|---------------------|---------------------|------------|------------|------------|------------|
| | | | | | |
| Triq / Lesta | Triq / Trid tiftjeb | Portijiet | Portijiet | Ajruporti | Ajruporti |
| Triq / Trid tiftjeb | Triq / Lppjanata | | | | |
| | | RRT | RRT | | |

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/255

tat-13 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment u l-immaniġġar ta' kontribuzzjonijiet tal-Programm, ir-rappurtar dwar strumenti finanzjarji, il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għal operazzjonijiet u s-sistema biex tiġi rreġistrata u tinħażen id-*data*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 46(3) u 115(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 821/2014⁽²⁾ jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, il-karatteristiċi tekniċi ta' miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni. Minħabba l-bidliet fil-Kapitolu II tat-Titolu III tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, kif introdotti bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾, jenħtieġ li t-titolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 u t-titolu tal-Kapitolu II tiegħu jiġu emendati skont dan.
- (2) Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit li l-isem ta' strument finanzjarju jrid jinkludi referenza għall-fatt li huwa appoġġat permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("ESI"). Skont l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014⁽⁴⁾, ir-riċevituri finali tal-istrumenti finanzjarji, madankollu, iridu jiġu infurmati li l-finanzjament jiġi pprovdut fil-qafas ta' programmi kofinanzjati permezz tal-Fondi ESI. Għalhekk, it-tneħħija tal-obbligu li jiġi indikat l-isem ta' strument finanzjarju ma jkollux impatt fuq ir-rekwiżiti ta' viżibbiltà u ta' komunikazzjoni fil-livell ta' appoġġ għar-riċevituri finali. Jenħtieġ li l-Artikolu 4(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 jiġi emendat skont dan.
- (3) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 821/2014 jistabbilixxi l-mudell għar-rappurtar tal-istrumenti finanzjarji rregolat bl-Artikoli 37 sa 46 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Numru minn dawk id-dispożizzjonijiet ġew emendati bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
- (4) Fl-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ġiet introdotta opzjoni ġdida ta' implimentazzjoni għall-kombinament ta' Fondi ESI ma' prodotti finanzjarji tal-BEI fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, kif stabbilit ulterjorment fl-Artikolu 39a ġdid tiegħu. Għalhekk, jeħtieġ li din l-opzjoni ta' implimentazzjoni tiġi inklużi fit-taqsimha dwar id-deskrizzjoni tal-istrument finanzjarju u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, u jiġu inklużi oqsma tad-*data* ġodda fit-taqsimha tal-mudell għar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji marbut mal-progress fil-ksib tal-effett ta' lieva mistenni, sabiex jiġu inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-Fondi ESI għall-istrumenti finanzjarji permezz tal-kombinament ta' tali kontribuzzjoni ma' prodotti finanzjarji tal-BEI fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 821/2014 tat-28 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment u l-immaniġġar ta' kontribuzzjonijiet tal-Programm, ir-rappurtar dwar strumenti finanzjarji, il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għal operazzjonijiet u s-sistema biex tiġi rreġistrata u tinħażen id-*data* (ĠUL 223, 29.7.2014, p. 7).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠUL 193, 30.7.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠUL 138, 13.5.2014, p. 5).

- (5) Fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ġew iċċarati r-regoli għal għoti dirett lil banek jew lil istituzzjonijiet bi sjieda pubblika. Għalhekk, jeħtieġ li tali kjarifika tiġi riflessa billi jiġi inkluż dan it-tip ta' korp li jimplementa l-istrumenti finanzjarji fit-taqsimha tal-mudell għar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji b'rabta mal-identifikazzjoni ta' korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji u ta' korpi li jimplementaw fond ta' fondi, fejn ikun applikabbli.
- (6) Soġġett għall-ġestjoni attiva tat-teżor, l-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jippermetti l-finanzjament tal-imgħax negattiv li jkun ġie ġġenerat bħala riżultat ta' investimenti tal-Fondi ESI skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 minn riżorsi mħallsa lura fl-istrument finanzjarju. Għalhekk, jeħtieġ li r-rekwiżiti tar-rappurtar jiġu allinjati ma' din id-dispożizzjoni ġdida. Jenħtieġ li tali allinjament iseħħ fit-taqsimha tal-mudell għar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji rigward l-ammonti mħallsa lura fl-istrumenti finanzjarji mill-investimenti.
- (7) L-Artikolu 43a ġdid tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiċċara r-regoli li jirregolaw it-trattament differenzjat tal-investituri li joperaw skont il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq f'każ ta' kondivizzjoni tal-profitt u tar-riskju. Għalhekk, jeħtieġ li l-kliem tal-mudell għar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji jiġi allinjat ma' din id-dispożizzjoni ċċarata f'din it-taqsimha dwar l-imgħax u qligħ ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ mill-Fondi ESI għall-istrument finanzjarju, ir-riżorsi tal-Programm imħallsa lura fl-istrumenti finanzjarji mill-investimenti kif imsemmi fl-Artikoli 43 u 44 u l-ammonti użati għal trattament differenzjat kif imsemmi fl-Artikolu 43a.
- (8) Fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-obbligi tar-rappurtar rigward l-istrumenti finanzjarji ġew issimplifikati sabiex jiġu evitati ċerti duplikazzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni meħtieġa fil-qasam tad-*data* 40 tiġi integrata mar-rekwiżit tar-rappurtar stabbilit fl-Artikolu 46(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Jenħtieġ ukoll li r-rekwiżit tar-rappurtar dwar il-valur tal-investimenti ta' ekwità fir-rigward tas-sena preċedenti jiġi mċaqlaq taħt it-Titolu VII tal-mudell għar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji rregolati bl-Artikolu 46(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mas-sistemi tar-rappurtar diġà stabbiliti mill-awtoritajiet ta' ġestjoni, iċ-ċaqliq tal-qasam tad-*data* 40 eżistenti taħt it-Titolu VII, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza mar-referenza korrispondenti fl-Artikolu 46(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jenħtieġ li ma twassalx għan-numerazzjoni mill-ġdid minkejja li t-titolu tiegħu jenħtieġ li jiġi allinjat ma' dak l-Artikolu.
- (9) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u sabiex jiġu allinjati mar-rekwiżiti tar-rappurtar tal-Artikolu 46(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ir-referenza għall-valur tal-investimenti u tal-parteċipazzjonijiet titħassar mit-taqsimha dwar il-progress fil-ksib tal-effett ta' lieva mistenni tal-mudell tar-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji.
- (10) Bħala konsegwenza tal-bidliet fl-Artikoli 37 sa 46 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 imsemmi fil-premessi (3) sa (9), jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi ESI.
- (12) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u sabiex jiġu limitati kemm jista' jkun id-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet emendati tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, li japplikaw mit-2 ta' Awwissu 2018 jew qabel skont l-Artikolu 282 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 821/2014 tat-28 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment u l-immaniġġar ta' kontribuzzjonijiet tal-Programm, ir-rappurtar dwar strumenti finanzjarji, il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għal operazzjonijiet u s-sistema biex tiġi rreġistrata u tinħażen id-*data*";

(2) It-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“IL-KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TA' MIŻURI TA' INFORMAZZJONI, TA' KOMUNIKAZZJONI U TA' VIŻIBBILTÀ GĦAL OPERAZZJONIJET U GĦAL STRUZZJONIJET GĦALL-ĦOLQIEN TAL-EMBLEMA TAL-UNJONI U DEFINIZZJONI TAL-KULURI STANDARD”;

(3) L-Artikolu 4(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-isem tal-“Unjoni Ewropea” għandu dejjem jiġi miktub b'mod sħiħ. It-tipa li trid tintuża flimkien mal-emblema tal-Unjoni tista' tkun kwalunkwe tipa minn dawn li ġejjin: Arial, Auto, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana, Ubuntu. Ma għandhomx jintużaw varjazzjonijiet jew effetti tat-tipa bil-korsiv u bis-sottolinjar. Il-pożizzjoni tat-test fir-rigward tal-emblema tal-Unjoni ma għandha tinterferixxi mal-emblema tal-Unjoni bl-ebda mod. Id-daqs tat-tipa użata għandu jkun proporzjonat għad-daqs tal-emblema. Il-kulur tat-tipa għandu jkun blu reflex, iswed jew abjad skont l-isfond.”;

(4) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 821/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) il-qasam tad-*data* 7.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “7.2 | Strument finanzjarju stabbilit fil-livell nazzjonali, reġjonali, transnazzjonali jew transfruntiera, ġestit mill-awtorità ta' ġestjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 38(1)(b), appoġġata permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-Programm tal-Fond ESI skont il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013” |
|------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(2) jiġdied qasam tad-*data* 7.3 ġdid:

| | |
|------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “7.3 | Strument finanzjarju b'kombinament ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-awtorità ta' ġestjoni ma' prodotti finanzjarji tal-BEI fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi skont l-Artikolu 39a, kif imsemmi fl-Artikolu 38(1)(c)” |
|------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(3) il-qasam tad-*data* 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-----|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “10 | L-istatus legali tal-istrument finanzjarju, skont l-Artikolu 38(6) u l-Artikolu 39a(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (għall-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 38(1)(b) u (c) biss): kont fiduċjarju miftuħ fisem il-korp fiduċjarju u għan-nom tal-awtorità ta' ġestjoni jew blokk separat ta' finanzi f'istituzzjoni finanzjarja” |
|-----|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(4) it-*Titolu III* huwa sostitwit b'dan li ġej:

“III. L-identifikazzjoni tal-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju, u tal-korp li jimplimenta l-fond ta' fondi fejn ikun applikabbli, kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (l-Artikolu 46(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)”;

(5) il-qasam tad-*data* 11.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “11.1 | It-tip ta' korp ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 38(4) u l-Artikolu 39a(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013: entità legali eżistenti jew maħluqa ġdida ddedikata għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji; il-Bank Ewropew tal-Investment; il-Fond Ewropew tal-Investment; istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li fiha Stat Membru jkun azzjonist; bank jew istituzzjoni bi sjieda pubblika, stabbiliti bħala entità legali li twettaq attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali; korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata; awtorità ta' ġestjoni b'kompiti ta' implimentazzjoni diretti (għal self jew għal garanziji biss)” |
|-------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(6) it-*Titolu VII* huwa sostitwit b'dan li ġej:

“VII. L-imgħax u qligħ ieħor iġġenerat permezz tal-appoġġ mill-Fondi ESI għall-istrument finanzjarju, ir-riżorsi tal-Programm imħallsa lura fl-istrument finanzjarju mill-investimenti kif imsemmi fl-Artikoli 43 u 44, l-ammonti użati għal trattament differenzjat kif imsemmi fl-Artikolu 43a u l-valur tal-investimenti ta' ekwità fir-rigward tas-snin preċedenti (l-Artikolu 46(2)(g) u (i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)”;

(7) il-qasam tad-*data* 37 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-----|------------------------------------------------------------------------------------|
| “37 | L-ammont ta' riżorsi attribwibbli għall-Fondi ESI użati skont l-Artikoli 43a u 44” |
|-----|------------------------------------------------------------------------------------|

(8) il-qasam tad-*data* 37.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | |
|-------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “37.1 | li minnhom hemm ammonti li tħallsu għat-trattament differenzjat tal-investituri li joperaw skont il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq, li jipprovdu riżorsi tal-kontroparti bħala appoġġ mill-Fondi ESI għall-istrumenti finanzjarju jew li jagħmlu koinvestment fil-livell tar-riċevitur finali (PEUR)”; |
|-------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(9) jiżdied qasam tad-*data* 37.3 ġdid:

| | |
|-------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “37.3 | li minnhom hemm ammonti li jkopru telf fl-ammont nominali tal-kontribuzzjoni tal-Fondi ESI għall-istrument finanzjarju li jirriżulta minn imgħax negattiv, jekk tali telf iseħħ minkejja l-ġestjoni attiva tat-teżor mill-korpi li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji (f'EUR)” |
|-------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(10) il-qasam tad-*data* 40 ġdid li ġej jitqiegħed wara l-qasam tad-*data* 37.3 ġdid:

| | |
|-----|-------------------------------------------------------------------------------|
| “40 | Il-valur tal-investiment ta' ekwità, fir-rigward tas-snin preċedenti (f'EUR)” |
|-----|-------------------------------------------------------------------------------|

(11) it-*Titolu VIII* huwa sostitwit b'dan li ġej:

“VIII. Il-progress fil-ksib tal-effett ta' lieva mistenni ta' investimenti li saru permezz tal-istrument finanzjarju (l-Artikolu 46(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013);

(12) jiżdied qasam tad-*data* 38.1A ġdid:

| | |
|--------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “38.1A | Kontribuzzjoni fil-qafas tal-prodott finanzjarju tal-BEI impenjata fil-ftehim ta' finanzjament mal-korp li jimplementa l-istrument finanzjarju (għall-istrumenti skont l-Artikolu 38(1)(c) biss) (f'EUR)” |
|--------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(13) jiżdied qasam tad-*data* 38.2A ġdid:

| | |
|--------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “38.2A | Kontribuzzjoni fil-qafas ta' prodott finanzjarju tal-BEI mħallsa fl-istrument finanzjarju (għall-istrumenti skont l-Artikolu 38(1)(c) biss) (f'EUR)” |
|--------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(14) jiżdied qasam tad-*data* 38.3A ġdid:

| | |
|--------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “38.3A | Kontribuzzjoni fil-qafas ta' prodott finanzjarju tal-BEI mobilizzata fil-livell tar-riċevitur finali (għall-istrumenti skont l-Artikolu 38(1)(c) biss) (f'EUR)” |
|--------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

(15) il-qasam tad-*data* 40 taht it-*Titolu VIII* jithassar.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/256

tat-13 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 fir-rigward tat-tibdil tal-mudelli għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri, għall-pjan ta' azzjoni konġunt, għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment bl-għan tat-tkabbir u l-impjiegi u bl-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tad-data għall-fini tar-rieżami tal-prestazzjoni u l-qafas tal-prestazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 106, u l-Artikolu 111(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Koordinament għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 ⁽³⁾ jistabbilixxi l-format għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri f'konformità mal-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Minħabba l-emendi għall-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' operazzjonijiet li jiġġeneraw dħul nett wara li jitlestew, introdotti bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, u minħabba l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Avviż dwar il-kunċett ta' Għajnuna mill-Istat ⁽⁵⁾, jenħtieġ li l-Anness II jiġi emendat skont dan.
- (2) L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jistabbilixxi l-format tal-mudell għall-preżentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni konġunt f'konformità mal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Minħabba l-emendi tal-Artikoli mill-104 sa 109 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-ewwel Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunti u l-kontenut ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunti, introdotti bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jenħtieġ li l-Anness IV jiġi emendat skont dan.
- (3) L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jistabbilixxi l-mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment għall-għan tat-tkabbir u l-impjiegi f'konformità mal-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Minħabba l-emendi għall-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-infiq ta' operazzjonijiet implimentati 'l barra miż-żona tal-programm, u l-Artikolu 104(2) u (3) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-livelli limiti għall-ewwel Pjan ta' Azzjoni Konġunt, kif introdott mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jenħtieġ li l-Anness V jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 259.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 tal-20 ta' Jannar 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għar-rapport ta' progress, il-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar proġett maġġuri, il-pjan ta' azzjoni konġunta, ir-rapporti ta' implimentazzjoni għall-Investiment għall-għan tat-tkabbir u l-impjiegi, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-istrategġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditu u r-rapport ta' kontroll u l-metodoloġija għat-twettiq tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell għar-rapporti tal-implimentazzjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠUL 38, 13.2.2015, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1).⁽⁵⁾ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' Għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C/2016/2946) (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

- (4) It-tabella 4 A tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jinkludi l-indikaturi komuni tal-output għall-Fond Soċjali Ewropew ("FSE") u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ("YEI"). Minħabba l-bidliet fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ li jstabbilixxi indikaturi tal-output u tar-riżultati komuni għall-investimenti tal-FSE, kif introdott mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, it-Tabella 4 A fil-Parti A, jenħtieġ li l-punt 3.2 tal-Anness V jiġi emendat skont dan. Billi l-bidliet fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014, jenħtieġ li l-emendi għat-Tabella 4a fil-Parti A, il-punt 3.2 tal-Anness V japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014 ukoll.
- (5) L-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jistabbilixxi l-mudell għar-rapporti ta' implimentazzjoni għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013. Minħabba l-emendi tal-Artikoli 104(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tal-livelli limitu għall-ewwel Pjan ta' Azzjoni Konġunt, kif introdotti bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jenħtieġ li l-Anness X jiġi emendat skont dan.
- (6) It-tabella fil-Parti C, il-punt 15 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 u t-tabella f'Parti B, il-punt 12 tal-Anness X ta' dak ir-Regolament, li t-tnejn li huma jirrigwardaw l-informazzjoni finanzjarja għall-fini tal-valutazzjoni tal-progress fil-ksib tal-istadji importanti u l-miri jirreferu għan-nefqa "mġarrba u mħallsa mill-benefiċjarji u ċertifikata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2018" u "mġarrba u mħallsa mill-benefiċjarji sal-31 ta' Diċembru 2023 u ċertifikata lill-Kummissjoni". La r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u lanqas ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 ⁽⁷⁾ ma jinkludu tali data limitu għaċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa eliġibbli fil-ksib tal-istadji importanti u l-miri għall-indikaturi finanzjarji. Jenħtieġ li dawk it-tabelli jiġu kkoreġuti skont dan. Għall-finijiet taċ-ċertezza legali fir-rigward tar-rappurtar dwar il-progress lejn il-ksib tal-istadji importanti għall-indikaturi finanzjarji, li fl-2019 se jiġu inklużi għall-ewwel darba fir-rapport annwali ta' implimentazzjoni, huwa meħtieġ li l-korrezzjoni tapplika retroattivament b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament kif ġie addotat l-ewwel darba.
- (7) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jitnaqqsu kemm jista' jkun id-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet emendati tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li japplikaw mit-2 ta' Awwissu 2018 jew qabel, u f'konformità mal-Artikolu 282 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal minimu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (3) L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.
- (4) L-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 huwa kkoreġut kif ġej:

- (1) L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa kkoreġut skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa kkoreġut skont l-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima, id-determinazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fil-qafas tal-prestazzjoni u n-nomenklatura ta' kategoriji ta' intervent għall-Fondi ta' Investiment Strutturali Ewropej (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 65).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-14 ta' Frar 2015.

Il-punt (1) tal-Anness III għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat kif ġej:

1. fil-punt C.2, in-nota 1 ta' qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

“(1) Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdu gwiċja lill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni meta investimenti fl-infrastruttura jinvolvu għajjnuna mill-Istat. B'mod partikolari, is-servizzi tal-Kummissjoni ħejjew grilji analitiċi. L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' Għajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ġie ppubblikat (C/2016/2946) (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1). Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jużaw il-grilji analitiċi jew metodi oħrajn sabiex jispjegaw għaliex iqisu li l-appoġġ ma jinvolvi l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat.”;

2. fil-punt C.3, it-titolu tal-aħħar tabella jinbidel b'dan li ġej:

“Metodu tar-rata fissa jew metodu ta' tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament (l-Artikolu 61(3)(a) u l-Artikolu 61(3)(aa) u l-Artikolu 61(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013”;

3. fil-punt C.3, it-tabella tinbidel b'dan li ġej:

| | | “Valur |
|----|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------|
| 1. | In-nefqa totali eliġibbli qabel ma jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) (Taqsimha C.1.12(C)) | <tip='N' input='G'> |
| 2. | Ir-rata fissa tad-dħul nett kif definita fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew fatti delegati jew stabbilita abbażi tal-Artikolu 61(3) (aa) (FR) (%) | <tip='N' input='M'> |
| 3. | In-nefqa totali eliġibbli wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (f'EUR, mhux skontata) = (1) × (1 – FR) (*) <i>Il-kontribuzzjoni pubblika massima trid tirrispetta r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u l-ammont ta' għajjnuna totali mogħtija r-rapportat hawn fuq (jekk applikabbli)</i> | <tip='N' input='M'> |

(*) Fil-każ ta' metodu ta' tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament, ma tapplikax din il-formola (ir-rata fissa tkun riflessa fir-rata ta' kofinanzjament tal-assi ta' prijorità, li twassal għal anqas finanzjament mill-FEŻR/FK) u l-kost totali eliġibbli jkun daqs l-ammont imsemmi fil-punt (1)”

4. fil-punt E.1.2, in-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

“(2) Dan ma japplikax: (1) għal proġetti suġġetti għar-regoli dwar għajjnuniet mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat (ara l-punt G1), f'konformità mal-Artikolu 61(8) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; (2) jekk tintuża rata fissa (l-Artikolu 61(3)(a) u l-Artikolu 61(3)(aa) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) jew tnaqqis fir-rata ta' kofinanzjament (l-Artikolu 61(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013); u (3) jekk is-somma tal-valuri preżenti tal-kostijiet operatorji u ta' sostituzzjoni tkun ogħla mill-valur preżenti tad-dħul, il-proġett ma jitqiesx li jiġġenera d-dħul, f'liema każ il-punti 7 u 8 jistgħu jiġu injorati u l-applikazzjoni prorata tad-dħul nett skontat jenħtieġ li tiġi stabbilita għal 100 %.”.

ANNEX II

L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 hu emendat kif ġej:

1. Il-punt A.8 jinbidel b'dan li ġej:

"A.8. Tip ta' JAP

() Normali () YEI () L-ewwel JAP taħt l-IGJ (*)

() L-ewwel JAP taħt l-ETC (**)

[possibbiltà waħda biss]; <tip='C' input='M'>

(*) L-ewwel pjan ta' azzjoni konġunt ippreżentat mill-Istat Membru taħt l-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi f'konformità mal-Artikolu 104(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(**) L-ewwel pjan ta' azzjoni konġunt ippreżentat mill-Istat Membru taħt l-għan tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 104(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill";

2. it-titolu tal-Parti C jinbidel b'dan li ġej:

"C. GĦANIJET TAL-JAS";

3. Il-punt C.1 jinbidel b'dan li ġej:

"C.1. **Nitolbuk tagħti deskrizzjoni tal-għanijiet tal-JAP u kif jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-programm jew għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż u l-linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni skont l-Artikolu 121(2) TFUE u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill skont l-Artikolu 148(4) TFUE li l-Istati Membri jridu jikkunsidraw fil-politiki tal-impjiegi tagħhom.**

<tip='S' tul massimu='17500'input='M'>;

4. Il-punt C.2 jinbidel b'dan li ġej:

"C.2. **Abbażi tal-informazzjoni pprovduta f'C.1, nitolbuk tistabbilixxi l-għanijiet ġenerali tal-JAP**

| Numru | Kodiċi | L-għan |
|------------------------------------|---------------------|---------------------------------------|
| Għan 1 tal-JAP <tip='S' input='S'> | <tip='N' input='M'> | <tip='S' tul massimu='500' input='M'> |
| Għan 2 tal-JAP"; | | |
| ... | | |

5. Il-Punt C.3 jiħassar;

6. it-titolu tal-Parti D jinbidel b'dan li ġej:

"D. DESKRIZZJONI TAL-JAP";

7. fil-punt D.1.1 it-test fit-tielet kolonna tal-ewwel ringiela tat-tabella jinbidel b'dan li ġej:

"Għan(ijiet) tal-JAP li jikkontribwixxi għalih(om)";

8. it-titolu tal-punt D.1.2 jinbidel b'dan li ġej:

"D.1.2. Il-proġetti kif se jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-JAP? Nitolbuk tiġġustifika.";

9. it-titolu tal-punt D.1.3 jinbidel b'dan li ġej:

"D.1.3. X'inhuma l-obiettivi intermedji, fejn rilevanti u l-miri għall-outputs u r-riżultati ta' dawn il-proġetti?";

10. fil-punt D.1.3 it-test fit-tieni kolonna tat-tieni ringiela tat-tabella jinbidel b' "l-indikatur tal-JAP"

11. il-Punt D.3 jiħassar;

12. it-test bejn il-punti F u F1 jitħassar;

13. fil-punt F.1, it-test fit-tieni kolonna jinbidel b'dan li ġej:

“(Nitolbuk tispeċifika d-data tal-bidu tal-implimentazzjoni)”;

14. it-titolu tal-Parti G jinbidel b'dan li ġej:

“G. Il-kontribut tal-JAP għall-prinċipji orizzontali”;

15. bejn il-punti G u G.1 jiddaħħal dan it-test li ġej:

“Nitolbuk tikkonferma u tispjega kif il-JAP jikkontribwixxi għall-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fil-programm rilevanti jew fil-Ftehim ta' Sħubija”;

16. Il-punt G.1 jinbidel b'dan li ġej:

“G.1. **Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa**

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>;

17. Il-punt G.3 jinbidel b'dan li ġej:

“G.3. **Il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli**

<tip='S' tul massimu='3500' input='M'>;

18. il-punt H.1.2 jinbidel b'dan li ġej:

“H.1.2. Nitolbuk tipprovdi informazzjoni dwar l-għażla tal-pjan ta' azzjoni konġunt f'konformità mal-Artikolu 125(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.”

19. Il-punti H.1.2.1 u H.1.2.2 jiħassru;

20. il-punt H.4 jiħassar;

21. il-punt I.1 jinbidel b'dan li ġej:

“I.1. Il-kosti għall-ksib tal-oġġettivi intermedji, u miri għall-outputs u r-riżultati (nitolbuk timla wkoll l-appendiċi dwar l-indikaturi)

Nitolbuk timla t-tabelli li ġejjin bl-indikaturi li jridu jintużaw għall-ġestjoni finanzjarja tal-JAP, imqassmin, fejn rilevanti, skont l-assi prijoritarju, il-Fond u l-kategorija ta' reġjun.”;

22. il-punt I.2 jiħassar.

L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-parti A, il-punt 3.2, it-Tabella 4 A (Indikaturi komuni tal-output għall-FSE) tinbidel bit-tabella li ġejja.

“Tabella 4A

Indikaturi komuni tal-output għall-FSE (skont l-assi prijoritarju, il-prijorità ta' investment, skont il-kategorija ta' reġjun.
Għall-YEI, għal kull assi prijoritarju jew kwalunkwe parti minnu, mhuwiex meħtieġ tqassim skont il-kategorija ta' reġjun (*)

Prijorità ta' investment:

| Indikatur ID | Indikatur (isem l-indikatur) | Kategorija ta' reġjun (fejn rilevanti) | Valur fil-mira (2023) | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | Valur kumulattiv (ikkalkulat awtomatikament) | Proporzjon tal-kisba | | | | | | | | | | | | | | | |
|-----------------------|-------------------------------------------------------------------|----------------------------------------|--------------------------------------------------------|---|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|----------------------------------------------|-------------------------------------------|---|---|---|---|---|---|---|-------|---|---|-------|---|---|--|--|
| | | | It-tqassim skont is-sess huwa fakultattiv (għall-mira) | | | | | | | | | | | | | it-tqassim skont is-sess huwa fakultattiv | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | <tip='N' input='G'> | | | | | | | | | | | | | <tip='N' input='G'> | | | | | | | | | | | | | | | |
| < tip='S' input='G' > | < tip='S' input='G' > | < tip='S' input='G' > | <tip='N' input='G'> | | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='G'> | <tip='N' input='G'> | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | Valur annwali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | Total | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | total | M | W | total | M | W | | |
| | Persuni qiegħda(FSE) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni qiegħda(YEI) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni qiegħda fit-tul (FSE) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni qiegħda fit-tul (YEI) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni inattivi (FSE) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni inattivi (YEI) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni inattivi li jkunu barra mill-edukazzjoni jew taħriġ (FSE) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Persuni inattivi li jkunu barra mill-edukazzjoni jew taħriġ (YEI) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| Indikatur ID | Indikatur (isem l-indikatur) | Kategorija ta' reġjun (fejn rilevanti) | Valur fil-mira (2023) It-tqassim skont is-sess huwa fakultattiv (għall-mira) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | Valur kumulattiv (ikkalkulat awtomatikament) | Proporzjon tal-kisba it-tqassim skont is-sess huwa fakultattiv | | | | | |
|---------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|---------------------|---------------------|---------------------|---|---|---|---|---|---|---|----------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|---|---------------------|-------|---|---|
| | | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | <tip='N' input='G'> | <tip='N' input='M'> | <tip='N' input='W'> | | | | | | | | | | | | | | |
| <tip='S' input='G'> | <tip='S' input='G'> | <tip='S' input='G'> | Valur annwali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | <tip='N' input='G'> | | | <tip='N' input='G'> | | | |
| | | | Total | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | M | W | total | M | W | total | M | W |
| | In-numru ta' proġetti implimentati b'mod sħiħ jew parzjali minn sħab soċjali jew NGOs | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Numru ta' proġetti ddedikati għall-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa fl-impjeg | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | In-numru ta' proġetti mmirati għall-amministrazzjoni pubblika jew għas-servizzi pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | In-numru ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju megħjuna (inklużi impriżi kooperattivi, impriżi tal-ekonomija soċjali) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Total kumplessiv ta' parteċipanti ⁽²⁾ | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

(*) Id-data strutturata meħtieġa għar-rapport dwar il-YEI li jrid jiġi ppreżentat f'April 2015 f'konformità mal-Artikolu 19(3) u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013.

(1) Stima bbażata fuq teħid ta' kampjuni rappreżentattivi. L-Istati Membri għandhom żewġ għażliet ta' rappurtar. Għażla 1: Ir-rekwiżit minimu huwa li d-data tiġi pprovduta darba fl-AIR tal-2017. F'din l-għażla, jiġi rrapportat valur kumulattiv fil-kolonna "Valur kumulattiv" fl-AIR tal-2017. Għażla 2: Il-valuri annwali huma pprovduti għal kull sena.

(2) L-għadd totali ta' parteċipanti jinkludi dawk b'rekords kompluti (data personali mhux sensitiva) kif ukoll parteċipanti b'dokumenti mhux kompluti (data personali mhux sensitiva). L-għadd totali ta' parteċipanti jiġi kkalkulat fis-sistema SFC2014 abbażi tat-tliet indikaturi komuni tal-output "persuni qiegħda inklużi qiegħda fit-tul", "persuni inattivi" u "persuni impjegati, inklużi impjegati għal rashom". It-total jiġbor fih biss parteċipanti b'rekords ta' data kompluti inklużi d-data personali kollha mhux sensitiva. Fit-total kumplessiv ta' parteċipanti, l-Istati Membri huma obbligati jirrapportaw dwar il-parteċipanti kollha tal-FSE, inklużi dawk b'rekord ta' data personali mhux sensitiva mhux kompluti."

2. Fil-parti A, il-punt 3.2, it-Tabella 9 (Kost tal-operazzjonijiet implimentati 'l barra mill-qasam tal-programm (il-FEŻR u l-Kond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment bl-għan tat-tkabbir u l-impjiegi)) tinbidel b'li ġej:

| 1. | 2. | 3. | 4. | 5. | 6. |
|--------------------------------------------------------------|---------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| | Assi prijoritarji | L-ammont ta' appoġġ tal-UE li huwa previst li jintuża għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet 'il barra miż-żona tal-programm abbażi tal-operazzjonijiet magħżula (EUR) | Bħala sehem mill-appoġġ tal-UE għall-assi prijoritarji fiż-żmien tal-adozzjoni tal-programm (%) (3/UE appoġġ għall-assi prijoritarji fiż-żmien tal-adozzjoni tal-programm *100) | L-ammont tal-appoġġ tal-UE f'operazzjonijiet implimentati 'l barra mill-qasam tal-programm ibbażat fuq nefqa eliġibbli ddikjarata mill-benefiċjarju tal-awtorità ta' ġestjoni (EUR) | Bħala sehem mill-appoġġ tal-UE għall-assi prijoritarji fiż-żmien tal-adozzjoni tal-programm (%) (5/UE appoġġ għall-assi prijoritarji fiż-żmien tal-adozzjoni tal-programm *100) |
| Kost tal-operazzjonijiet 'il barra miż-żona tal-programm (1) | <tip='S' input='S'> | <tip='N' input='M'> | <tip='P' input='G'> | <tip='N' input='M'> | <tip='P' input='G'> |

(1) F'konformità mal-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013."

3. Fil-parti A, il-punt 3.2, fit-Tabella 13 (Pjanijiet ta' azzjoni konġunti), it-test tat-tmien kolonna tal-ewwel ringiela jinbidel b'li ġej:

"Tip ta' JAP

1. normali
2. l-ewwel JAP
3. YEI".

—

ANNEX IV

Fil-parti A, il-punt 8.2, tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207, fit-Tabella 8 (Pjanijiet ta' Azzjoni Konġunt), it-test tat-tmien kolonna tal-ewwel ringiela jinbidel b'li ġej:

“Tip ta' JAP

1. normali
2. L-ewwel JAP”.

ANNEX V

Fil-Parti C, il-punt 15 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207, it-tabella tinbidel b'li ġej:

| “13 | 14 |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <i>Data għall-fini tar-rieżami tal-prestazzjoni u l-qafas tal-prestazzjoni</i> | |
| Biss għar-rapport ippreżentat fl-2019: Nefqa totali eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa sal-31/12/2018 u ċċertifikata lill-Kummissjoni L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 | Biss għar-rapport ta' implimentazzjoni finali: Nefqa totali eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa sal-31/12/2023 u ċċertifikata lill-Kummissjoni L-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013” |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

ANNEX VI

Fil-Parti B, il-punt 12 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/207, it-tabella tinbidel b'li ġej:

| "13 | 14 |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <i>Data għall-fini tar-rieżami tal-prestazzjoni u l-qafas tal-prestazzjoni</i> | |
| Biss għar-rapport ippreżentat fl-2019: Nefqa totali eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa sal-31/12/2018 u ċċertifikata lill-Kummissjoni L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 | Biss għar-rapport ta' implimentazzjoni finali: Nefqa totali eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa sal-31/12/2023 u ċċertifikata lill-Kummissjoni L-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013". |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/257**tat-13 ta' Frar 2019****li jemenda għall-294 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u ma' organizzazzjonijiet ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u ma' organizzazzjonijiet ta' Al-Qaida⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-8 ta' Frar 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jħassar erba' entrati mil-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2019.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija*⁽¹⁾ ĠUL 139 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni naturali" jitħassru:

"Hassan Abdullah Hersi **Al-Turki** (*pseudonimu* (a) Hassan Turki, (b) Hassen Abdelle Fihye, (c) Sheikh Hassan Abdullah Fahaih, (d) Hassan Al- Turki, (e) Hassan Abdillahi Hersi Turki, (f) Sheikh Hassan Turki, (g) Xasan Cabdilaahi Xirsi, (h) Xasan Cabdulle Xirsi). Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: Reġjun V, l-Etjopja (ir-Reġjun ta' Ogaden ta' l-Etjopja tal-Lvant). Nazzjonalità: Somala. Indirizz: Irrappurtat li qiegħed fin-Nofsinhar tas-Somalja, f'Juba ta' Isfel ħdejn Kismayo, prinċipalment f'Jilibe u Burgabo min-Novembru 2012. Data tad-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2004."

"Jamal **Housni** (*pseudonimu* (a) Djamel il marocchino, (b) Jamal Al Maghrebi, (c) Hicham). Data tat-twelid: 22.2.1983. Post tat-twelid: Il-Marokk. Indirizz: (a) Via Uccelli di Nemi 33, Milan, l-Italja, (b) Via F. De Lemene 50, Milan, l-Italja. Informazzjoni oħra: Miżmum taħt arrest minn Ġunju 2009. Data tad-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 2.8.2006."

"Malik Muhammad **Ishaq** (*pseudonimu* Malik Ishaq). Indirizz: Il-Pakistan. Data tat-twelid: madwar l-1959. Post tat-twelid: Rahim Yar Khan, il-Provinċja tal-Punjab, il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Informazzjoni oħra: (a) Deskrizzjoni fiżika: mibni b'għajnejh suwed, xagħru iswed u karnaġġjon kannella medju b'daqna kbira sewda; (b) Ritrat disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Inqatel fil-Pakistan fit-28.07.2015. Data tan-nomina msemija fl-Artikolu 7d(2)(i): 14.3.2014."

"Lavdrim **Muhaxheri** (*pseudonimu* (a) Abu Abdullah al Kosova, (b) Abu Abdallah al-Kosovi, (c) Abu Abdallah al-Kosovo); Data tat-twelid: (a) 3.12.1989, (b) madwar l-1987; Post tat-twelid: Kaqanik/Kacanik; Indirizz: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana (lok f'Settembru 2015). Data tan-nomina msemija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.9.2015."

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2019 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-IŻVIZZERA

tad-29 ta' Jannar 2019

li temenda l-Iskedi III u IV tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972, kif emendat [2019/258]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ⁽¹⁾, kif emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tas-26 ta' Ottubru 2004 li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agricoli pproċessati ⁽²⁾ ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2 tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera, bħala Partijiet Kontraenti, fit-13 ta' Novembru 2018 ipprovdew lill-Kumitat Konġunt il-prezzijiet domestiċi ta' referenza tal-materja prima kollha li għaliha ġew applikati miżuri ta' kumpens għall-prezzijiet. Minn dawk il-prezzijiet jirriżulta li s-sitwazzjoni reali tal-prezzijiet fir-rigward ta' dik il-materja prima fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti nbidlet.
- (2) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu aġġornati l-prezzijiet domestiċi ta' referenza u d-differenzi fil-prezzijiet għall-materja prima agrkola elenkata fl-Iskeda III tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim, kif ukoll li jiġu adattati l-ammonti bażiċi tal-materja prima agrkola elenkata fl-Iskeda IV ta' dak il-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

- (a) l-Iskeda III hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) fl-Iskeda IV, il-punt b) huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2019.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2019.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Petros SOURMELIS

⁽¹⁾ ĠUL 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽²⁾ ĠUL 23, 26.1.2005, p. 19.

ANNEX I

"Skeda III

Prezzijiet ta' referenza domestiċi tal-UE u tal-Iżvizzera

| Materja prima agrikola | Prezz ta' referenza domestiku tal-Iżvizzera CHF għal kull 100 kg netti | Prezz ta' referenza domestiku tal-UE CHF għal kull 100 kg netti | Artikolu 4, l-ewwel paragrafu Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/UE applikat min-naħa tal-Iżvizzera CHF għal kull 100 kg netti | l-Artikolu 3(3), Differenza fil-prezz ta' referenza tal-Iżvizzera/UE applikat min-naħa tal-UE EUR għal kull 100 kg netti |
|------------------------|------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Qamħ komuni | 50,80 | 23,44 | 27,35 | 0,00 |
| Qamħ durum | — | — | 1,20 | 0,00 |
| Segala | 42,50 | 21,92 | 20,60 | 0,00 |
| Xgħir | — | — | — | — |
| Qamħirrum | — | — | — | — |
| Dqiq tal-qamħ komuni | 91,95 | 46,69 | 45,25 | 0,00 |
| Trab tal-ħalib sħiħ | 606,15 | 333,85 | 272,30 | 0,00 |
| Trab tal-ħalib xkumat | 400,80 | 181,60 | 219,20 | 0,00 |
| Butir | 1 056,00 | 656,39 | 399,60 | 0,00 |
| Zokkor abjad | — | — | — | — |
| Bajd | — | — | 38,00 | 0,00 |
| Patata friska | 40,95 | 28,00 | 12,95 | 0,00 |
| Xaħam veġetali | — | — | 170,00 | 0,00". |

ANNEX II

“(b) Ammonti bażiċi għall-materja prima agrikola meqjusa għall-kalkolu tal-komponenti agrikoli:

| Materja prima agrikola | Ammont bażiku applikat fl-Iżvizzera l-Artikolu 3(2), | Ammont bażiku applikat fl-UE l-Artikolu 4(2), |
|------------------------|------------------------------------------------------|-----------------------------------------------|
| | CHF għal kull 100 kg netti | EUR għal kull 100 kg netti |
| Qamħ komuni | 22,30 | 0,00 |
| Qamħ durum | 1,00 | 0,00 |
| Segala | 16,80 | 0,00 |
| Xgħir | — | — |
| Qamħirrum | — | — |
| Dqiq tal-qamħ komuni | 36,90 | 0,00 |
| Trab tal-ħalib sħiħ | 221,60 | 0,00 |
| Trab tal-ħalib xkumat | 178,65 | 0,00 |
| Butir | 325,65 | 0,00 |
| Zokkor abjad | — | — |
| Bajd | 30,95 | 0,00 |
| Patata friska | 10,25 | 0,00 |
| Xaħam veġetali | 138,55 | 0,00”. |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT